**Fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, 5 ta' Lulju 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

**vs**

**Joseph Bajada**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 05 ta' Lulju, 2020 migjuba fil-konfront ta` Joseph Bajada, bin Anthony u Mary Jane xebba Azzopardi, imwieled gewwa Rabat Ghawdex, fid-09 ta` Marzu, 1974, residenti Joseph, Triq tac-Canga, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita` numru 7474G;

1. Kiser kundizzjoni tal-liberta' provizorja hekk kif impost lilu nhar it-30 ta' Lulju 2019 minn digriet tal-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D., u cioe' '*1B. li ma tmurx fl-inhawi ta' Ghajn Lukin fil-limiti tax-Xaghra*', u dan bi ksur tal-artikoli 579 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reat, tirrevoka '*contrario imperio*' id-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmi Joseph Bajada, kif ukoll tordna is-somma ta' ghaxar t'elef Ewro (€10,000) bhala depozitu u garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, u dan skont l-artikolu 579 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet:

Rat li matul l-udjenza tal-05 ta' Lulju 2020 il-kawza giet posposta sabiex tinghata s-sentenza aktar tard;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat illi kiser wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti meta nghata l-helsien mill-arrest. L-Ufficjal Prosekutur ipprezenta d-Digriet relattiv li gie mmarkat bhala Dok. "JG4" minn fejn jirrizulta li l-imputat naqas li josserva l-kundizzjoni 1B u cioé li ma jmurx fl-inhawi ta' Ghajn Lukin, limiti tax-Xaghra.

M'hemmx dubju li, in segwitu ta' dak li xehdu ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni, mill-filmat fuq il-*pendrive* ipperzentata mix-xhud Marie Lourdes Borg, liema kontenut ma giex kontestat mid-difiza, kif ukoll kif jrrizulta mit-trattazzjoni tad-difiza innifisha, huwa fatt mhux kontestat illi l-akkuzat kien effettivament jinsab fl-inhawi ta' Ghajn Lukin, fil-limiti tax-Xaghra nhar it-03 ta Lulju, 2020 bejn id-09:30 u l-10:00 ta filghodu.

Jirrizulta wkoll pero illi huwa ma kienx wahdu izda akkumpanjat mill-avukat ta fiducja tieghu. Waqt it-trattazzjoni id-difiza spejgat ir-raguni ghaliex l-avukat difensur u l-akkuzat marru fuq il-post. Infatti l-avukat inniffsu b'responsabbilita stqarr illi kienu hemm sabiex jippreparaw id-difiza ghal kawza ohra illi hemm pendenti u li hija ta' natura Civili, u li kien jenhtieglu jaccedi fuq il-post sabiex jkun f'pozizzjoni ahjar sabiex jiggwida lill-klijent tieghu.

Huwa minnu wkoll illi l-akkuzat kien imissu talab lill-Qorti illi akkordatlu il-helsien mill-arrest sabiex tawtorizzah jaccedi fuq il-post u mhux jaqbad u jmur. Madankollu din il-Qorti hija tal-fehma illi l-fatt li l-akkuzat kien akkumpanjat ill-avukat tal-fiducja tieghu allura l-istess akkuzat ma kellux l-intenzjoni illi jisfida lill-Qorti u jikser il-kundizzjoni minnha imposta. Mill-fatti kif jirrizultaw jidher car illi l-intenzjoni ta' l-akkuzat kienet illi jindika lill-avukat il-fatti li skond hu huma mportanti ghall-kawza civili illi ghandu pendenti. Infatti huwa fatt mhux kontestat li l-akkuzat u l-avukat difensur marru fuq il-post wara li kienu l-Qorti u inghatat sentenza fil-kawza civili.

Il-Qorti ghalhekk fid-dawl anke tax-xhieda moghtija minn PS 664, Jason Scerri u PC510 William Said li l-imputat ikkopera bis-shih mall-pulizija kif ukoll sal-llum ma kisirx il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposta fuqu qed twissi lill-akkuzat illi ghalkemm din id-darba ma hix ser issibu hati ta' ksur ta kundizzjoni ghal helsien mill-arrest u dan ghar-ragunijiet gia moghtija darb'ohra ghandu jitlob lill-Qorti ghal modifika tal-kundizzjonijiet jew sabiex jigi awtorizzat jagixxi fil-qafas tal-helsien mill-arrest kif imsemmi.

**Decide:**

Il-Qorti ghar-ragunijiet gia moghtija u wara li rat l-Artikolu 579 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lill-akkuzat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontrih u tilliberah minn kull htija.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Dorianne Cordina
Deputat Registratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur